**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Gordon Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 1347/12**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 351092M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differimenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'rizoluzzjoni wahda billi:

> Nhar l-14 ta' Novembru 2012, u fix-xhur precedenti, fi Triq il-Karmelitani u diversi toroq ohra fil-Fgura, fi Triq Sir Ugo Mifsud, Hal Luqa, f'Wied il-Ghajn, Rahal Gdid u f'dawn il-gzejjer, wettaq diversi serq ta' 'Fuel' liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghad-detriment ta' Jesmond Aquilina mill-Fgura, u/jew persuni ohra;
>
> Talli, ukoll minn gewwa l-Fgura, ghall-habta ta' Settembru 2012, ikkommetta serq ta' zewg batteries tal-ghamla FIAMM liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghad-detriment tal-kumpanija James Caterers u/jew persuni ohra;

Talli wkoll fl-istess zminijiet, data, hin u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr E. Grima LL.D, nhar it-30 ta' Mejju, 2011;

Talli wkoll nhar it-23 ta' Novembru 2012, u fix-xhur precedenti, f'dawn il-gzejjer, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBC219 tal-ghamla KIA Avella, liema vettura ma kellhiex licenzja biex tinstaq u ma kenitx koperta b'polza tal-assikurazzjoni ghal terzi persuni;

Talli wkoll fl-istess perjodu, saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan;

B'hekk sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex minbarra l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti, fil-kaz il-vettura 'KIA Avella' bin-numru tar-registrazzjoni IBC219 li serviet jew li kien mahsub li serviet sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tal-hmistax (15) ta' April elfejn u tlettax (2013) u dan meta kienu ghadhom kif inbdew il-proceduri;

Rat illi l-imputat, flimkien mal-ammissjoni, talab illi jsir *Pre-Sentencing Report* minn *Probation Officer*;

Rat il-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-*Probation Officer* Odelsie Bayliss datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru elfejn u tlettax (2013) fejn hija kkonkludiet is-segwenti:

> ***"Fid-dawl ta' din l-informazzjoni migbura sabiex jigi kkumpilat dan ir-rapport wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati ta' Malta sabiex jibdel hajtu kemm permezz ta' sentenza sospiza li qieghed jigi akkuzat bil-ksur taghha kif ukoll b'sentenzi ohra, izda dan ma sehhx. Johrog ukoll il-fatt li Gordon Micallef mhux biss waqaf minn jheddu minghajr raguni valida, milli jkompli jiehu ghajnuna ghall-problema tad-droga, izda li ghadu jaghmel uzu mid-droga. Dan juri nuqqas ta' motivazzjoni min-naha tal-imputat sabiex jirrijabilita ruhu.***
>
> ***Ghaldaqstant qed jigi rakkomandat umilment lil din l-Onorabbli Qorti li Gordon Micallef jinghata piena karcerarja".***

Rat il-verbal tad-difiza datat disgha (9) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) fejn intalab li jerga' jigi riattivat il-*Pre-Senencing Report*;

Reghet rat it-tieni rapport tal-*Probation Officer* Odelsie Bayliss datat ghaxra (10) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) fejn hija kkonkludiet is-segwenti:

> ***"Mill-informazzjoni migbura jirrizulta li ghajr mill-imgiba tieghu fil-kuntest familjari, ma jidhirx li kien hemm titjib fl-andament tal-imputat. Huwa infatti jidher li ghadu ma stabbilixxiex ruhu f'impjieg filwaqt li minkejja illi l-problema tieghu tad-droga ghadha tezisti, daqstant iehor il-motivazzjoni tieghu sabiex jindirizzaha ghadha wahda dghajfa. Barra minn hekk, l-attitudini tal-imputat tul il-kumpillazzjoni ta' dan ir-rapport tindika li l-imsemmi mhuwiex lest jikkopera kemm-il darba jitpogga taht supervizjoni fil-komunita`. Ghaldaqstant is-sentenza ta' piena karcerarja rakkomandata fil-*****pre sentencing report** ***datat 23 ta' Settembru 2014 qieghda umilment terga' tigi rakkomandata".***

Il-Qorti ghalhekk wara li rat li l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhhu izda huwa ma kienx lest li jiehu din l-opportunita` u tenut kont illi huwa ghandu attribwit lilu l-addebiti tar-recidiva u ksur ta' sentenza sospiza, ma tistax hlief taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-*probation officer* li piena karcerarja hija l-aktar piena idoneja in vista tac-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 23(1), 28B (1), 49 u 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(3) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Gordon Micallef** hati fuq ammissjoni tieghu tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tielet (3) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' dsatax-il (19) xahar. Il-Qorti tordna wkoll illi a bazi tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta datata tletin (30) ta' Mejju elfejn u hdax (2011) moghtija mill-Magistrat Edwina Grima ghandha tibda ssehh mill-lum.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' vettura KIA Avella bin-numru ta' registrazzjoni IBC 219 u dan a favur tal-Gvern ta' Malta.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

___________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**